

Brussell, 13 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15150/25

ECOFIN 1489  
UEM 540  
STATIS 86  
*ECB*  
*EIB*

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Delegazzjonijiet  
Suġġett: Statistika tal-UE  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE tal-2025(13 ta'  
Novembru 2025)

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE tal-2025 kif approvati mill-Kunsill fl-4130 laqgħa li saret fit-13 ta' Novembru 2025.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL TAL-2025**  
**DWAR L-ISTATISTIKA EWROPEA**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea ta' Novembru 2024, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM u filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet politiċi tal-UE għall-2024–2029, il-Kunsill irrieżamina l-progress relatat mar-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-UEM, l-istatistika għall-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE), is-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi u l-istatistika strutturali.

**Statistika Ewropea lesta għall-futur**

Il-Kunsill JILQA' r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea u JINKORAĠĠIXXI lis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tisfrutta d-dispożizzjonijiet il-ġodda relatati ma' aċċess imtejjeb għal data amministrattiva u data diġitali miżmuma privatament għat-trawwim tal-innovazzjoni u għall-kompilazzjoni ta' statistika uffiċjali Ewropea aktar f'waqtha, granulari u kosteffettiva.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-għoxrin anniversarju tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u JIRRIKONOXXI l-importanza li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-indipendenza professjonali tal-uffiċċji tal-istatistika tiġi rispettata b'mod effettiv f'era kkaratterizzata minn dejjem aktar diżinformazzjoni. Il-Kunsill JISTIEDEN lis-Sistema Ewropea tal-Istatistika tirrifletti dwar aġġornament possibbli tal-Kodiċi bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali, sorsi ġodda ta' data u tekniki innovattivi oħra fil-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea.

Il-Kunsill JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jħares il-kwalità, it-tempestività u r-rilevanza tal-istatistika Ewropea, filwaqt li JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-korpi pubbliċi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill JILQA' l-isforzi tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika biex tikkontribwixxi għall-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-UE, f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2025 dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, permezz tal-użu mill-ġdid ta' data diġà miġbura, sorsi ġodda ta' data u innovazzjoni teknoloġika. Il-Kunsill IHEĠĠEGĠ lis-Sistema Ewropea tal-Istatistika tiegħu bħala prijorità l-ittestjar tal-istress tal-leġislazzjoni statistika tal-UE bil-għan li jiġu identifikati miżuri ta' simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-piżijiet li jistgħu jiġu attivati u JISTIENEN lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-ESS u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, kif rifless fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 rivedut dwar l-Istatistika Ewropea (ir-Regolament (UE) 2024/3018) u fir-Rakkomandazzjoni tal-BĊE għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2025/17). Il-Kunsill JISSOTTOLINJA li dawn ir-rieżamijiet jkomplu jagħtu impetu biex jiżdedu kemm jista' jkun il-benefiċċji ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn is-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-SEBĊ għall-produzzjoni ta' statistika uffiċjali Ewropea ta' kwalità għolja.

### **Riżorsi għall-prijoritajiet tal-istatistika Ewropea**

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni tas-sistema globali aġġornata tal-kontijiet nazzjonali hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-istatistika Ewropea u dik nazzjonali tirrifletti r-realtajiet ta' ekonomija diġitali, globali u sostenibbli. Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti li l-Istati Membri jiżguraw l-adeqwatezza tar-riżorsi umani u finanzjarji għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' statistika uffiċjali Ewropea, fosthom ir-riżorsi meħtieġa għall-ħidma sostanzjali li trid issir fuq l-aġġornament tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u biex jinħareġ il-potenzjal ta' sorsi u teknoloġiji ġodda tad-data.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA li l-proposta tal-Kummissjoni għal Programm għas-Suq Uniku u d-Dwana tinkludi objettiv speċifiku u anness iddedikat li jkopri l-qafas ta' programmazzjoni li jmiss għall-istatistika Ewropea li għandu l-għan li jirrifletti l-prijoritajiet u l-għanijiet strateġiċi stabbiliti fil-pożizzjoni komuni tal-2025 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar il-futur tal-istatistika Ewropea.

### **Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2025 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM**

Il-Kunsill JAPPREZZA t-titjib ulterjuri fil-kwalità u d-disponibbiltà tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP). Il-Kunsill JISSOTTOLINJA r-rwol tal-IEEP, li jibqa' jkun wieħed importanti, bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi fuq perjodu qasir u JISTENNA B'INTERESS aktar progress biex jingħalqu l-lakuni li fadal.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-attivitajiet li għaddejjin fl-Inizjattiva tal-G20 dwar Lakuni fid-Data, u b'mod partikolari l-ħidma li qed issir fuq l-istatistika dwar it-tibdil fil-klima u fuq il-miżuri distributtivi tal-introjt, il-konsum u l-ġid tal-unitajiet domestiċi, li huma strumentali għat-twettiq ta' politiki ewlenin tal-UE.

### **Statistika għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) u appoġġ metodoloġiku għad-data dwar id-difiża Ewropea**

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa għall-ħidma statistika li għaddejjja fuq gwida metodoloġika avvanzata għar-reġistrazzjoni tan-nefqa għad-difiża fl-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI djalogu u koordinazzjoni msaħħa fost il-partijiet ikkonċernati Ewropej u nazzjonali rilevanti biex jittejbu l-komparabbiltà, l-affidabbiltà u t-trasparenza tal-istatistika dwar in-nefqa għad-difiża, u biex jiġi żgurat forniment f'waqtu ta' data mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika dwar l-infiq għad-difiża kif definit mill-kontijiet nazzjonali u n-nefqa fi ħdan l-istrument SAFE, bħala parti mir-rapportar dwar il-PDE lill-Eurostat, u fil-kuntest tal-attivazzjoni tal-Klawżoli Liberatorji Nazzjonali.

## **Statistika makroekonomika**

Il-Kunsill JILQA' l-aġġornament tas-sistema globali tan-NU tal-kontijiet nazzjonali (SNA 2025) u l-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BPM7), li jgħibu titjib importanti fil-kejl tad-diġitalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni, il-benesseri u s-sostenibbiltà, u JINKORAĠĠIXXI lis-Sistema Ewropea tal-Istatistika tipproċedi bl-aġġornament tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010) biex tinkorpora dan it-titjib b'mod sħiħ u żżomm il-komparabbiltà internazzjonalment u bejn l-Istati Membri tal-UE biex tiggarantixxi statistika ta' kwalità għolja għall-benefiċċji tal-utenti, inkluż għal finijiet amministrattivi tal-UE.

## **Statistika għall-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)**

Il-Kunsill JILQA' l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istatistika li tirfed l-MIP u JAPPREZZA r-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS-SEBĊ dwar l-istatistika tal-MIP mill-Eurostat u l-BĊE, FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet identifikati fih.

## **Indikaturi tal-Proprjetà Immobbli Kummerċjali**

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika mhux finanzjarja dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali, li tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u jingħalqu l-lakuni identifikati fid-disponibbiltà ta' statistika komparabbli b'rabta mal-prezzijiet, il-kirjiet u l-bidu tal-kostruzzjoni tal-bini tas-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

## **Akkomodazzjoni**

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza politika tad-disponibbiltà ta' statistika f'waqtha u ta' kwalità għolja dwar akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli u JAPPREZZA l-isforz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika biex ittejjeb l-istatistika f'dan il-qasam. Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jiġu limitati l-piż amministrattiv u l-kostijiet għall-Istati Membri, in-negozji u ċ-ċittadini.

## **It-tiġdid tal-Istatistika Ewropea dwar in-Negozji**

Il-Kunsill JILQA' t-tiġdid ippjanat tal-Istatistika Ewropea dwar in-Negozji u l-Kummerċ biex tipprovdi għarfien aħjar dwar il-kompetittività, il-produttività u r-reżiljenza tan-negozji tal-UE u l-ktajjen tal-provvista tagħhom. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI attenzjoni speċjali għat-tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv kif ukoll il-kostijiet attribwiti għall-produzzjoni tal-istatistika rispettiva, filwaqt li tinżamm il-kwalità għolja tagħha.

## **Statistika għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u tal-enerġija**

Il-Kunsill JAGĦRAF il-kontributi li tagħti l-istatistika għat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-enerġija, inkluż dwar l-enerġija rinnovabbli u dwar il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel, u l-bidla għall-merkanzija u l-passiġġieri minn modi ta' trasport li jniġġsu aktar għal modi ta' trasport li jniġġsu inqas. Il-Kunsill JAPPREZZA l-isforz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika biex tagħmel progress fil-forniment ta' statistika f'waqtha u ta' kwalità għolja skont ir-Regolament (UE) 691/2011 rivedut dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej.

## **Statistika dwar l-agrikoltura u s-sajd**

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura, li tirrazzjonalizza l-atti legali eżistenti u tnaqqas il-piż amministrattiv billi terġa' tuża data rilevanti minn bażijiet ta' data jew reġistri stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni.

## **Statistika soċjali**

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza kritika ta' statistika soċjali Ewropea integrata ta' kwalità għolja għall-iżvilupp tal-politiki soċjali Ewropej, fosthom il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

**Is-sbatax-il rapport mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea**

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tas-sbatax-il rapport tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB), li jagħti ħarsa ġenerali indipendenti lejn is-Sistema Ewropea tal-Istatistika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika.

---